**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-5 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 407/18 AGV**

A

vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fis-7 ta' Settembru, 2018 li permezz tieghu, ippremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-partijiet izzewwgu fi-6 ta' Gunju, 1993 (ara Dok. Aanness) u minn dan iz-zwieg , ma kellhomx ulied.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Peter Fleri Soler mit-2 ta' Novembru, 2007 (ara Dok.B anness).

Illi skond l-istess kuntratt ta’ separazzjoni personali (ara Dok. B klawsola 2), l-ebda manteniment m’hu dovut fir-rispett tal-konjugi, stante li huma rrinunzjaw bl-aktar mod irrevokabbli u assolut ghad-dritt taghhom li jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin b’tali rinunzja , tkun wahda definittiva.

Illi m’hemm l-ebda propspett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom , stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba’ snin mifrudin , illum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija, jissudisfaw il-kundizzjonjiet kollha mehtiega , ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant umilment jitlob lil din l-Onorabbl iQorti sabiex :-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Ra li fl-udjenza tal-5 ta’ Ottubru ,, dehret l-intimata , li m’opponitx ghat-talbiet tar-rikorrent.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovaw illi l-partijiet ilhom sseparati ghal aktar minn erba’ snin permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni li gie

ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr.Peter Fleri Soler. Illi r-rikorrenti pprovaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**